MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Numru 354/1992

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin Ellul Bonnici**

**Vs**

**Raphael sive Effie Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront ta` l-imputat u dan talli f`dawn il-Gzejjer, matul dawn l-ahhar snin, b`diversi atti, maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku mad-Dipartiment ta` l-Ilma,

a) ghamel falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fil-firem jew fl-iskrittura, billi holoq pattijiet, diposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli ghamel uzu minn dokument imsemmi hawn fuq (Art. 184 tal-Kap. 9);

b) approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn diversi oggetti li globalment jiswew aktar minn Lm 500, liema oggetti kienu jappartjenu lil Gvern ta` Malta u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta` l-imsemmija oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat;

c) b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, ghamel qliegh ta` aktar minn Lm 500 f`oggetti bi hsara tal-Gvern ta` Malta.

Barra minn hekk, l-imsemmi Raphael sive Effie Falzon jinsab akkuzat ukoll talli huwa ricediv b`sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fid-9.10.86 (ara wkoll l-imputazzjoni mizjuda skond kif rizultanti a fol. 17 tal-process).

Rat in-nota ta` l-Avukat Generali a fol. 173 tal-process li permezz taghha billi deherlu li tista` tinsab htija (jew htijiet) fil-konfront ta` l-istess imputat u a bazi ta` l-istess kumpilazzjoni taht dak li hemm mahsub;

a) fl-artikoli 18, 183, 184, 190 tal-Kodici Kriminali;

b) fl-artikoli 293, 308 u 310 tal-istess Kodici

c) fl-artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici, iddecieda li jibghat lill-istess imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala wahda ta` Gudikatura Kriminali f`nuqqas ta` oggezzjoni da parti ta` l-istess imputat.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (ara fol. 176 tal-process).

Semghet it-trattazzjoni wara li l-akkuzat iddikjara li ma ghandux provi x`jipproduci.

Ikkunsidra

Illi kif xehed l-Ufficcjal Prosekutur (fol. 19 et seq ibid) hu kaz tal-Koperazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma kien intalab jivverifika dan il-kaz li kien jinvolvi frodi u appropriazzjoni indebita da parti ta` l-akkuzat. Di fatti kienet saret diga` investigazzjoni interna mmexxija minn Joseph Cachia, il-Kap tas-Sigurta` ta` l-istess Koperazzjoni. Fl-istess kaz kienu nvoluti u uzati ordnijiet ta` rekwizizjoni b`firem foloz li rrizultat f`approprijazzjoni indebita ta` oggetti appartenenti lill-Gvern. Di fatti dawn l-ordnijiet imsemmija kienu "stores issue forms" b`kollox erbatax (14) fin-numru. Ghalhekk l-istess xhud kien interroga lill-akkuzat li da parti tieghu irrilaxxja stqarrija bil-miktub li pero` ma ffirmax, hawn annessa a fol. 22 et seq. L-istess xhud ezebixxa l-ordnijiet imsemmija (a fol. 21 ibid) u kif rrizultanti mill-istess stqarrija, l-akkuzat kien gharaf il-firma tieghu wara l-kliem "person receiving".

Ikkunsidrat

Illi mill-istess stqarrija jidher li l-akkuzat kien impjegat bhala "time keeper II" ma` l-istess Korporazzjoni fil-"head office" fil-Belt Valletta. Sa Jannar ta` l-1992 kien stazzjonat bhala "time keeper" f`ta` Qali u hu kellu l-awtorita` li anzi kien awtorizzat mill-Ministeru "niehu hsieb … affarijiet li kien jonqoshom" (b`referenza ghas-sewwieqa ta` vetturi hemm stazzjonati) ossija "safety shoes", "toilet paper", "screen bulbs" u sapun. L-akkuzat stqarr li kien inkarigat sabiex jgib dawn l-oggetti mill-"stores" sabiex, sussegwentement, jitqassmu lill-impjegati, huma minn huma wiehed, wiehed anke f`isem shabu meta dawn jkollhom bzonnhom.

Inoltre, skond l-akkuzat, il-persuni l-ohra hemm indikati fosthom certu Micallef kienu ffirmaw fil-prezenza tieghu. In oltre hemm ukoll, f`certi minnhom l-ismijiet ta` diversi nies li kellhom dawn l-oggetti, kienu nghataw fosthom “A. Bondin”, “R. Falzon” u ohrajn li ffirmaw l-istess “store issue forms” wara li l-oggetti gew konsenjati lilhom. Jigi notat illi fuq wahda minnhom bin-numru Z 02600 hemm imsejjah “Effie Mifsud” u l-akkuzat stqarr li “Falzon trid tigi mhux Mifsud”. Ciononostante, l-akkuzat sostna li l-oggetti hemm imnizzlin kienu ghall-haddiema. Hawn hekk, saret referenza ghal ktieb ta` “Fuel / Requisitions and Issue Notes” li kien instab fil-karozza ta` l-akkuzat minn certu “Sur Cachia” u l-akkuzat sostna li dan kien inghata lilu, bi zball, minn certu “Farrugia”. Fl-ahharnett mistieden sabiex jispjega “… ghala dawk l-oggetti li ordnajt kien osfru”, hu qal, biss, “jien ma naf xejn” waqt li qal ukoll illi meta kien gie “transferred”, kien hallihom, maghluqin fl-“store”.

Ikkunsidrat

Illi, in sostenn ta` l-akkuzi in esami, il-Prosekuzzjoni ipproduciet is-segwenti provi:-

c) Francis Falzon (fol. 30 et seq ibid) li, wara li spjega kif kien impjegat mal-Gvern u ma` l-istess Korporazzjoni, l-akkuzat u dan mill-1971 xehed dwar ir-rapport li kien sar fil-konfront ta` l-istess akkuzat in rigward frodi. Ix-xhud kompla billi elenka l-oggetti kollha involuti f`dan il-kaz bil-valuri relattivi (ara t-tieni paragrafu a fol. 31 ibid). In oltre hu semma` illi l-akkuzat, minhabba l-kariga li kellu kien awtorizzat li jirtira oggetti tal-Korporazzjoni involuta mill-“stores” taghha izda bil-firma tal-Inginier koncernat. Minhabba dan, hu kien intitolat li jzomm fil-pussess tieghu “requisition forms”.

b) Joseph Cachia (fol.32 et seq ibid) inkarigat mis-sigurta` ta` l-istess Korporazzjoni spjega li l-akkuzat kien wiehed mit-“time keepers” assenjat lilu. Darba wahda, hu stess kien ra lill-akkuzat f`Ta` Qali “… ghaddej b`hafna oggetti …” u meta kien staqsieh dwarhom, dan kien wiegbu li kellu l-awtorizzazzjoni “… minn xi inginier sabiex

jiehu l-oggetti in kwistjoni" mill-"stores" tal-Korporazzjoni f`Kordin. Ghalhekk, kien gie deciz illi tigi assenjata kamra f`Ta` Qali fejn hu seta` jzomm oggetti bhal dawn, liema kamra "… ikollha cavetta wahda li jzommha l-istess imputat". Pero` ix-xhud beda jisma` xnieghat dwar l-akkuzat bhal "… wiehed li ma setax jorbot fuqu" u ghalhekk ix-xhud kien talab li l-akkuzat jitnehha minn mieghu. Mill-investigazzjonijiet li kien ghamel irrizultalu li "… hafna mill-'watchmen' (li lilhom kellhom jigu assenjati l-oggetti hawn fuq imsemmija) ma kienu hadu xejn mill-oggetti in kwistjoni. "Di fatti x-xhud elenka dawn il-kustodji f`lista miktuba minnu stess, liema lista tinsab a fol. 39 ibid markata Dok JC. In oltre hu eleva d-dokumenti kollha annessi ma` l-atti a fol. 21 u markati Dok KEB, liema dokumenti diga` ssemmew "supra" kienu fl-"stores" f`Kordin. Hu spjega ulterjorment, dwar l-istess dokumenti illi in rigward fejn hemm il-firma ta` "certu Micallef" wara l-kliem "engineer / inspector", kien hemm impjegat ma` l-istess Korporazzjoni wiehed bil-kunjom "Micallef" u li kien impjegat, biss, bhala "labourer". Dwar l-istess firma din pero` kienet tindika li "… l-istess Micallef ikkonsenja l-oggetti indikati fuq kull formola lill-istess imputat". Dwar dan ix-xhud issottolinea li fuq l-ebda formola in esami, hemm il-firma rikjesta ta` inginier. Di fatti formoli bhal dawn setghu jigu ffirmati "… jew minn David Sacco … jew mill-inginier l-iehor cioe` Joseph Curmi". In oltre hu kien mar f`dik il-kamra li taghha kellu c-cavetta l-akkuzat wahdu u kien ra li, bhala ezempju, minflok kien hemm certu numru ta` "parts" kien hemm anqas. Sussegwentement, ix-xhud kien skopra li l-akkuzat kien irtira wkoll, oggetti ta` "stationery" ghas-"section" ta` Ta` Qali izda wara li diga` kien gie "transferred" f`"section" ohra kif ukoll zewg timbri, wiehed bl-isem tieghu u iehor fuq isem "S. Abela" li, skond ix-xhud hu isem fittizzju (ara l-anness Dok JC 1 a fol. 40 ibid).

Meta l-akkuzat kien qed jahdem mieghu, kien alloka karozza lil dan sabiex jkun jista juzaha in konnessjoni max-xoghol tieghu u ghal dan il-ghan l-akkuzat kien inghata ktieb komprendenti kupuni ghall-akkwist, b`xejn, ta` "petrol". Fl-istess karozza u meta din kienet wieqfa minhabba hsara, x-xhud kien sab ktieb dan dan izda

appartenenti lill-impjegat iehor, Joseph Paul Farrugia. Dan il-ktieb li, ghal xi raguni kien instab f`din il-karozza gie ezebit u markat Dok JC 2 (fol. 41 ibid), liema ktieb kien "… jigi mahrug favur 'managers' u persuni aktar gholja".

c) Charles Micallef (fol. 42 et seq ibid) "labourer" stazzjonat fl-"stores" tal-Korporazzjoni li kien gharaf lill-akkuzat bhala wiehed "… li diversi drabi kien gie fl-istess 'stores'. "Dwar id-dokumenti ossija u "stores issue forms" gia` imsemmija u li huma a fol. 21; hu sostna li ma kienx iffirma wara l-kliem "Engineer / Inspector" izda wara "posted by" fejn kien hemm il-firma tieghu u dan sabiex jikkonferma li l-oggetti hemm elenkati gew konsenjati. In oltre hu ikkonferma li fuq kull dokument kien hemm il-firma ta` l-akkuzat li saret quddiemu.

d) Joseph Paul Farrugia (fol. 45 et seq ibid) ikkonferma illi l-ktieb ta` "fuel requisition ezebit a fol. 41 kien inghata minnu lill-akkuzat, wara talba ta` dan u dan sabiex jintuza minn wiehed addett mis-sigurta` Nazzareno Pace. Meta wara certu zmien, kien ghamel il-verifiki dwar dan ma` l-istess Nazzareno Pace, dan kien informa lix-xhud li ma kien ta` ebda awtorizzazzjoni ghal dan il-ghan lill-akkuzat.

e) Nazzareno Caruana (fol. 47 et seq ibid) xehed dwar "stationery" u timbri mitluba mill-akkuzat li "… dejjem jipprezenta ruhu bhala appartenenti fis-"section" tas-"security" …". Dwar it-timbri hu kkonferma li dawn kienu dawk ezebiti a fol. 40 ibid.

f) Anthony Camilleri (fol. 49, 53 ibid) ma setax jixhed dwar firma fuq wahda mill-"stores issue forms" ezebita a fol. 21 minhabba nuqqas ta` nuccali. Sussegwentement, wara li ta` kampjun tal-firma tieghu (fol. 54 ibid) hu semma` li l-akkuzat kien fil-fatt ikkonsenjalu par "boots" u "boiler suit" izda ma hux cert jekk iffirma "xi karta". Dan ix-xhud ma giex riprodott f`xi stadju iehor.

g) Francis Farrugia (fol. 50 et seq ibid) ftakar li l-akkuzat kien tah zarbun, karta iggenika u xi xugaman "u iffirmajt ghalihom" u dan f`data li ma setax jippreciza. In oltre, fuq wiehed mill-"store issue forms" kien gharaf il-firma tieghu.

Pero` jigi notat illi wara ftakar illi kien iffirma fuq “full scap” u mhux fuq formola bhal dik li kien qed jixhed fuqha. Ghalhekk hu eskluda li l-firma fuq dan id-dokument kienet tieghu.

h) Carmel Farrugia (fol. 55 et seq ibid) xehed l-istess bhal dak precedenti u di fatti qal “mhux qed nara l-firma tieghi fuq l-istess dokument”.

i) David Sacco (fol. 80 et seq ibid) inginier ma` l-istess Korporazzjoni u stazzjonat f`Ta` Qali bhal l-akkuzat, spjega li hu qatt ma kien inkarigat mill-“store”. L-istess xhud ezamina wkoll il-firem kollha fuq id-dokumenti a fol. 21 ibid qal li ma kienx gharaf il-firma tieghu fuqhom.

j) Carmelo Sciberras (fol. 85 u fol. 86 ibid) spjega li kull darba li kellu bzonn “xi haga”, kien jmur ghand l-akkuzat u dan peress li “jiena naf lill-imputat bhala ‘in charge’ ta` l-istores”. Pero` fuq id-dokumenti a fol. 21, ma kienx gharaf il-firma tieghu anzi eskluda li xi darba kien ha “boots”. Fis-sustanza, l-istess inghad minn Carmelo Muscat (fol. 89 ibid), Alfred Farrugia (fol. 91 et seq ibid), Ruzarju Barbara (fol. 93 u fol. 94 ibid), Ricardo Farrugia (fol. 95 u 96 ibid) bl-ghajnuna ta` l-istess Qorti permezz tal-firma fuq il-karta ta` l-identita` tax-xhud, Charels sive Carmel Gauci (fol. 100 u fol. 101 ibid), Carmel Galea (fol. 102 u fol. 103 ibid), Joseph Lanzon (fol. 104 u fol. 105 ibid), Emanuel Caruana (fol. 107 u fol. 108 ibid), Edwin Borg (fol. 123 et seq ibid), John Buhagiar (fol. 128 u fol. 129 ibid), Rokku Caruana (fol. 130 ibid), Anthony Agius (fol. 131 ibid), Julian Micallef (fol. 132 ibid), Andrew Bondin (fol. 137 ibid), Joseph Azzopardi (fol. 139 u fol. 140) li “nahseb” li l-firma murija ma kienetx tieghu, Salvatore Vassallo (fol. 142 u fol. 143), Emanuel Zarb (fol. 145 u fol. 146 ibid), John Piscopo (fol. 150 u fol. 151 ibid), Paul Gatt (fol. 153 u fol. 154 ibid) u li qal “ma nahsibx li hija l-firma tieghi”, John Sammut (fol. 156 u fol. 157 ibid), John Vassallo (fol. 160 u fol. 161 ibid), John Fenech (fol. 166 u fol. 167 ibid). Jigi pero` rilevat illi zewg xhieda fil-fatt kienu gharfu l-firma taghhom cioe` Michael Borg u Salvu Attard (ara fol. 125 u fol. 163 ibid rispettivament).

Ikkunsidrat

Illi, dwar l-akkuza ta` ricediva, saret il-prova skond il-ligi kif jidher a fol. 59 u fol. 118 ibid, anke in rigward l-identita`.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher car u evidenti minghajr ma jista`, b`xi mod jissussisti dubju dettaljat mir-raguni illi l-akkuzat ikkommetta dak kollu addebitat lilu. Fil-fatt, irrizulta illi hu bhala reat kontinwat, ikkummetta d-delitti ta` falsifikazzjoni ta` dokumenti kif hemm fuq premess u dan sabiex jikkommetti “truffa” bl-uzu ta` l-istess dokumenti hekk falsifikati ghad-dannu tal-Korporazzjoni nvoluta li jammonta ghal aktar minn Lm 500. In oltre l-akkuzat ghandu jigi ritenut bhala ricediv ghal kull effett u fini fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti issib lill-akkuzat hati talli f`dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar snin, b`diversi atti, maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku mad-Dipartiment ta` l-Ilma,

a) ghamel falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fil-firem jew fl-iskrittura, billi holoq pattijiet, diposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli ghamel uzu minn dokument imsemmi hawn fuq (Art. 184 tal-Kap. 9);

b) approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn diversi oggetti li globalment jiswew aktar minn Lm 500, liema oggetti kienu jappartjenu lil Gvern ta` Malta u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta` l-imsemmija oggetti jew li jsir uzu minnhom specifikat;

c) b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b`qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, ghamel qliegh ta` aktar minn Lm 500 f`oggetti bi hsara tal-Gvern ta` Malta.

d) talli huwa ricediv b`sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fid-9 ta` Ottubru, 1986 u dan skond l-artikoli 18, 183, 184, 190, 293, 308, 310, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, il-Qorti tara li wahda ta` prigunerija effettiva ma hiex rakkomandabbli f`dan il-kaz. In oltre "sentenza ta` prigunerija sospiza" hi prekluza bl-artiklu 28 A (7) (b) tal-Kodici Kriminali. Di fatti jidher li fil-kaz ta` dan l-akkuzat, il-Qorti ghandha tapplika l-artikoli 9 u 14 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta` Malta, illum l-artikolu 22 u 28 (h) tal-Kapitolu 446 ta` l-istess Ligijiet sabiex tkun tista` tordna hlas ta` kumpens. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkummettiex reat iehor fi zmien sena mil-llum, kif ukoll tordna lill-akkuzat sabiex jhallas lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta` l-Ilma s-somma ta` Lm 450 ossija € 1048.22 likwidata a bazi ta` l-istess provi (ara fol. 31 ibid).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------